MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
NADIA H. VELLA**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 355/2013

**GasanMamo Insurance Limited (C3143)
hekk kif issurrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha
Andrew Falzon (KI: 385568(M)) sija bil-polza u sija bil-liġi,
u l-istess Andrew Falzon**

**vs.**

**Carmel Grixti (KI: 25667(M))
u
Angela J. Farrugia (KI:948348(M))**

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-14 ta’ Ġunju 2013, li permezz tiegħu

l-atturi talbu lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenuti, in solidum u bejniethom, sabiex iħallsu lill-atturi s-somma ta' seba' mija u erbgħa u sittin Ewro u tlettax–il ċenteżmu (€764.13) rappreżentanti danni sofferti mill-atturi insegwitu ta' inċident illi seħħ fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Ottubru 2011, meta ħajt konfinanti proprjetà ossija għalqa tal-konvenuti fi Triq id-Dejqa, iż-Żurrieq ċeda għal fuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni BBI 445 proprjetà tal-assikurat tas-soċjetà attriċi, u liema vettura kienet ipparkeġġjata - u dana stante illi l-istess inċident seħħ unikament tort tal-konvenuti u minħabba traskuraġni, imperizja u negliġenza da parti tagħhom wara li naqsu milli jżommu l-ħajt inkwistjoni fi stat ta' manutenzjoni tajba u xierqa.

Illi, s-somma mitluba tinkludi wkoll l-ammount ta' mija u għaxar Ewro (€110.00) imħallsa bħala excess mill-assikurat tas-soċjetà attriċi, Andrew Falzon, illi kien assikurat taħt il-polza "comprehensive" maħruġa mis-soċjetà assikurattriċi attriċi, li da parti tagħha ħallset il-bilanċ rimanenti tad-danni.

Interpellati sabiex iħallsu permezz ta' ittra uffiċjali datata 9 ta' Mejju 2013, il-konvenuti baqgħu inadempjenti u għalhekk kellhom jiġu stitwiti dawn il-proċeduri.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tad-9 ta' Mejju 2013 u bl-imgħaxijiet mid-9 ta' Mejju 2013 sal-ġurnata tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma minn issa stess inġunti għas-subizzjoni.

Ra r-**risposta tal-konvenuti** ippreżentata fit-23 ta' Lulju 2013, fejn huma eċċepew:

Illi preliminarjament, dan it-Tribunal ma għandux il-ġurisdizzjoni u l-kompetenza *rationae materiaie* sabiex jieħi konjizzjoni u jiddetermina l-kawża fl-ismijiet premessi u dana ai termini tal-paragrafu 1.2 tat-Taqsima tar-raba' skeda tal-Att dwar l-Arbitraġġ (Kap. 387).

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tal-atturi fil-konfront tal-konvenuti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-atturi, stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt, peress illi l-konvenuti ma kinux responsabbli għad-danni reklamati u peress illi mhuwiex minnu illi tali danni ġew ikkawżati minħabba negliġenza, traskuraġni u imperizja da parte tal-konvenuti kif allegat fit-talba.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi bil-liġi.

Bl-ispejjeż kontra l-atturi.

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema x-xhieda.

Sema t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet limitatament dwar l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti.

Ra l-verbal tal-24 ta' Ottubru 2013 fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata sentenza preliminari rigward il-kompetenza *rationae materiae* ta' dan it-Tribunal. .

**Provi**

Sema lill-attur **Andrew Falzon,** propjetarju tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni BBI 445. Dana spjega illi din il-vettura fil-lejl tal-25 ta' Ottubru 2011 kienet ipparkjata fi Triq id-Dejqa, ż-Żurrieq. L-għada fis-26 ta' Ottubru, fi x'ħin ħareġ għax-xogħol, għall-ħabta tas-6:30am, sab ġebel arbulat għal fuq il-vettura li hija vann. Huwa kien ipparkjat madwar pied u nofs il-bogħod minn dan il-ġebel. Dana l-ġebel setgħa waqa' minn ħajt li kien hemm biswit il-karozza tiegħu, liema ħajt kien ħajt tal-kantun. Meta pparkja il-vettura tiegħu hemmhekk ma nnota xejn f'dan il-ħajt. Fil-post fejn ipparkja l-vann ma kienx hemm sinjali li ma tistax tipparkja l-vann. Huwa ra li l-ħajt kien immermer iżda ma ħassx li kien ser jaqa'. Id-danni kkaġunati fuq il-

vann kienu għafsa fil-bieba ta' wara u għafsa fil-kaxxa tal-van mill-pilastru lura. Huwa ħallas excess ta' mija u għaxar ewro (€110).

**Konsiderazzjonijiet**

Din is-sentenza titratta biss l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti u cioe dik tan-nuqqas ta' kompetenza *rationae materia* ta' dan it-Tribunal u dana ai termini tar-Raba Skeda tal-Kapitlu 387 tal-Liġijiet ta' Malta cioe l-Att Dwar l-Arbitraġġ. Il-konvenuti huma tal-fehma illi stante li din il-kawża titratta inċident illi jinvolvi vettura, allura għandu jiġi deċiż permezz ta' arbitraġġ

Illi l-Kapitolu 387 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-Artikolu 15 jistipula:

*(11) B'żieda ma' dawk imsemmija b'kull liġi oħra, il-klassijiet ta' tilwimiet imsemmija fir-Raba' Skeda huma soġġetti għal arbitraġġ mandatorju u f'dawk il-każijiet il-partijiet għandhom jitqiesu li jkunu marbutin bi ftehim ta' arbitraġġ relatat ma' dawk it-tilwimiet.*

Ir-Raba Skeda tal-istess Kapitolu tistipula:

*Arbitraġġ Mandatorju*

*It-tilwimiet hawn iżjed 'l isfel imsemmija fit-Taqsima A għandhom jiġu determinati b'arbitraġġ u għandhom jittieħdu f'arbitraġġ taħt ir-regoli msemmija fit-Taqsima B b'żieda ma' dawk ir-regoli li jistgħu jiġu maħruġa miċ-ċentru minn żmien għal żmien.*

*Taqsima A*
…

*1.2 Tilwimiet dwar it-Traffiku ta' Vetturi bil-Mutur*

*Kull tilwima ċivili jew kummerċjali, li ma tkunx waħda li jkollha x'taqsam ma' talba għal danni għal ħsara fil-persuna, li tkun tilwima li toriġina minn:*

*(a) kolliżjoni bejn vetturi, jew*
*(b) ħsara involontarja fil-proprjetà li tinvolvi l-vetturi, jew*
*(ċ) talba bħal dik kontra assiguratur awtorizzat, kumpannija assiguratriċi fuq il-ħajja, underwriter approvat mill- Ministru responsabbli għat-trasport jew persuna oħra li skont l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104) jew xi polza ta' assigurazzjoni, tista' tkun responsabbli dwarha, u*
*(d) li l-valur tagħha ma jkunx jeċċedi l-ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87).*

It-Tribunal jikkonsidra illi fil-każ odjern,
1. il-ħsara ġiet ikkawżata **fuq** vettura u mhux **minn** vettura.
2. Ġiet allegatament ikkawżata **minn ħajt** li ċeda għal fuqha, u mhux minn xi vettura oħra.
3. Il-vettura kienet parkeġġjata u d-danni ma ġewx ikkawżati mis-sewqan.

Dana qiegħed jingħad għaliex fl-interpretazzjoni tal-artikoli ċitati, issa jista' jingħad fuq medda ta' snin, il-ġurisprudenza tagħna tidher li qed toħloq linja ta' distinzjoni bejn dawk il-ħsarat li jkunu kkawżati mis-sewqan, u li jattiraw l-arbitraġġ mandatarju, u il-ħsarat mhux ikkawżati mis-sewqan, li jistgħu jinstemgħu mill-Qrati ordinarji tagħna. Dan it-Tribunal kif diversament presjedut, fid-deċiżjoni tal-15 ta' Lulju 2013, fl-ismijiet Atlas Insurance PCC Limited et vs. Roberto Borg et (Talba Numru 120/2012) għamel analiżi tas-sentenzi li trattaw din l-eċċezzjoni, minn fejn jirriżulta li tassew qed temerġi din id-distinzjoni.

It-Tribunal huwa konsapevoli li hemm sentenzi li wrew il-fehma li **kull** ħsara fuq vettura hija soġġetta għall-arbitraġġ mandatarju.

Dan it-Tribunal jikkunsidra illi l-każ odjern jista' analizzat taħt is-sub-inċiż (b) biss tal-artikolu ċitat u dana stante li is-sub-inċiżi l-oħra ċertament li m'humiex applikabbli. Dan is-sub-inċiż xi jgħid? Jgħid " ħsara involontarja **fil-**

**proprjetà** li tinvolvi l-vetturi" u allura fil-fehma ta' dan it-Tribunal trid tkun il-vettura li tagħmel il-ħsara fil-propjeta biex it-tilwima tkun soġġetta għall-arbitraġġ mandatarju, u mhux il-propjeta` li tagħmel il-ħsara fuq il-vettura.

Dana jingħad ukoll għaliex fl-ewwel lok it-titolu ta' din il-parti jissejjaħ *Tilwimiet dwar it-Traffiku ta' Vetturi bil-Mutur.* Dan ifisser illi l-ewwel kriterju li għandu jiġi sodisfatt huwa li l-ħsara in kwistjoni trid tirriżulta minn "traffiku" ossia minn sewqan. Fil-mument li dan il-kriterju jiġi stabbilit u cioe li l-ħsara tkun ikkaġunata minn sewqan, allura wieħed imbagħad jara jekk it-tilwima tinkwadrax taħt xi waħda mis-sub-inċiżi kif ċitati.

Jidher illi l-liġi qed tikkontempla ħsara kkawżata bl-intervent ta' vettura. Id-diċitura tindika illi li kieku l-leġislatur ried jinkludi kull ħsara mwettqa fuq vettura l-istess leġislatur ma kienx juża l-kliem li uża iżda kien sempliċiment jgħid kliem fis-sens ta' "kull ħsara involuntarja fuq vettura".

Dan ir-raġunament huwa konformi wkoll mal-insenjament tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet Middlesea Insurance p.l.c. noe et vs. Gevimida Limited (13/2009PS) deċiża fit-23 ta' Ottubru 2009 fejn ġie ritenut:

*"Ictu oculi, mill-istess intestazzjoni tas-subparagrafu 1.2, il-kontroversja li l-leġislatur jirriżerva b'mod mandatorju lill-Arbitraġġ huma dawk li għandhom rapport kawżali ma' inċidenti ta' traffiku li jikkaġunaw dannu materjali fl-istess vetturi jew fil-proprjeta` ta' terzi b'effett tat-tamponament f'dik l-istess proprjeta` minn vettura jew vetturi ko-involti f'dak l-istess inċident stradali. Il-każ tat-tiġrif ta' ħajt fuq vettura stazzjonarja mingħajr dik il-konnessjoni mhix wieħed minn dawn. Sewwa għalhekk irraġuna t-Tribunal illi dak ikkontemplat mil-liġi hija ħsara kaġonata bl-intervent ta' vettura u mhux ħsara li tista' sseħħ fuq vettura, hi x'inhi l-fonti tagħha;"*

Għaldaqstant fil-każ odjern, it-Tribunal huwa tal-fehma li ladarba l-ħsara mhijiex naxxenti minn sewqan ta' vettura, huma l-Qrati Ordinarji, li għandhom il-kompetenza li

jisimgħu it-tilwima u mhux iċ-Ċentru Malti għall-Arbitraġġ. Ma kienx ikun tal-istess fehma kieku l-każ kienet bil-kontra u cioe li l-vettura għamlet il-ħsara fuq il-ħajt.

**Deċide**

Għar-raġunijiet suesposti, it-Tribunal qiegħed jiċħad l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti illi dan it-Tribunal m'għandux il-komptenza *rationae materiae* sabiex jisma dan il-każ u fil-waqt li jiddikjara ruħu kompetenti, jordna l-prosegwiment tal-kawża, sabiex jiġi trattat il-mertu.

Bl-ispejjeż ta' dan l-istadju riżervati għall-ġudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------